MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tad-9 ta' April, 2013

Numru. 903/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR SILVANA ZRINZO AZZOPARDI**

**VS**

**SIGISMONDO MIFSUD**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Sigismondo Mifsud, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 60463 (M).

**Akkuzat talli:**

Nhar it-3 ta` Awissu, 2011, bejn is-siegha ta` wara nofs in-nhar (13:00hrs) u s-saghtejn u nofs ta` wara nofs in-nhar (14:30hrs) gewwa Limiti tax-Xwieki, Iklin:

1. Ikkaguna biza lil Sharlon Cuschieri u l-itfal taghha Shannon Cuschieri u Sherona Cuschieri li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta` taghhom;

2. U aktar talli hedded bil-fomm lill-istess Sharlon Cuschieri u lit-tfal taghha Shannon Cuschieri u Sherona Cuschieri b'delitt;

3. U aktar talli attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta` xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PC 834 Johann Vella, PC 1081 Jonathan Farrugia, PC 132 Keith Sultana u PC 756 Johann Xuereb, persuni inkarigati skont il-Ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta` ordni moghtija skont il-Ligi mill-awtorita` kompetenti;

4. U aktar talli ingurja, jew hedded lil PC 834 Johann Vella, PC 1081 Jonathan Farrugia, PC 132 Keith Sultana u PC 756 Johann Xuereb, persuni inkarigati skont il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezza` jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta` dak is-servizz;

5. Ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija;

6. U akkuzat ukoll talli f'dawn il-gzejjer nhar it-3 ta` Awwissu 2011 u fis-snin ta` qabel zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew dintorini tieghu arma tan-nar, jew munizzjon minghajr ma kellu licenzja tal-pulizija;

7. U akkuzat talli sar recidiv b'diversi sentenzi li saru definittivi u ma jistghux aktar jigu mhassra.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta` ta` l-imsemmija Sharlon Cuschieri u lill-familjari taghha u minn issa tapplika l-provvedimenti tal-artikoli 412 C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta` Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

**Il-Qorti:**

Wara li rat l-Artikoli 251 B, 338 (b), 95, 96 (1), 338 (ee), 49, 50 tal-Kodici Kriminali tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikoli 5 (1) u 51(2) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li rat il-provi prodotta u semghet ix-xhieda mressqa;

**Ikkunsidrat:**

In ammissjoni volontarja u kkondizzjonata tal-imputat ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu ma jhallu ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imputat hati kif akkuzat hlief ghall-ewwel u t-tieni imputazzjoni li l-procediment taghhom huwa ezawrit stante l-mahfra tal-parte civile Sharlon Cuschieri, ghan-nom taghha u ghan-nom tat-tfal minuri taghha. Fir-rigward tal-piena l-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, tirrimarka li r-reat huwa ta` natura serja ghaliex ghandu x’jaqsam ma` resistenza mal-forzi tal-awtorita`, illi kienu qedghin jaqdu dmirijiethom, il-Qorti ghalhekk trid tghaddi messagg lis-socjeta` li tali kooperazzjoni hija mehtiega u kull agir kontra tali kooperazzjoni ghandu jigi punit. Ghaldaqstant waqt li qed issib lill-imputat hati kif akkuzat, qedgha ai termini tal-artikoli 28 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta qedgha tikkundanna l-imputat ghal sena (1) prigunerija izda tordna li din is-sentenza ma tibdiex issehh hlief jekk l-imputat jitressaq u jinstab hati ta` reat iehor li jgib mieghu t-terminu ta` prigunerija ghal

zmien sentejn (2) millum. Il-Qorti qedgha wkoll tordna l-konfiska ta` l-arma de quo li diga giet esebita u qedgha tinfliggi multa ta` hames mitt Ewro (€500) fuq ic-*charge* numru 6 u 7. Il-Qorti rat ukoll il-fatt illi r-recidiva giet approvata.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------